# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

**GUDIKATUR : Dr. Joseph Refalo LL.D.Adv.Trib.Eccl.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 4 ta' Marzu, 2002**

**Avviz numru : 51/1999GT(JR)**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Victor Hili**

**It-Tribunal ,**

**Ra t-talba ppresentata mis-socjeta' attrici fis-16 ta' Novembru 1999 fejn qalet li fi Triq Sant Anton, Xaghra, fil-hdax ta' Novembru 1998, il-konvenut jew haddiema minnu nkarigati, waqt li kienu qieghdin jaghmlu xi xoghol fl-imsemmija triq ikkawzaw hsarat fil-cable proprjeta' tal-attur.**

**Dawn il-hsarat ikkagunati ma jeccedux il-mitejn lira (Lm200.00).**

**Ghal din il-hsara ghandu jwiegeb il-konvenut li minkejja diversi nterpellazzjonijiet irrifjuta li jhallas.**

**Ghalhekk qieghed titlob li l-konvenut ikun ikkundannat sabiex ihallas id-danni minnha sofferti.**

**Bl-ispejjez.**

**Ra r-risposta ppresentata mill-konvenut fis-17 ta' Dicembru 1999 fejn eccepixxa:**

**Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex fl-ewwel lok l-eccipjenti ma kkaguna ebda hsara fil-proprjeta' tas-socjeta' attrici.**

**Fit-tieni lok l-eccipjenti Victor Hili personali qatt ma wettaq xoghol fi Triq Sant Anton Xaghra, Ghawdex;**

**Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalunkwe xoghol li sar minn kwalsiasi persuna sar skond l-arti u s-sengha b'mod illi min wettaq ix-xoghol ma huwiex responsabbli ghar-risarciment tad-danni reklamati mis-socjeta' attrici;**

**Fir-raba lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalunkwe danni li setghu saru, saru unikament ghar-raguni illi l-pipes u l-cables**

**mqieghda fil-post mis-socjeta' attrici jew haddiema taghha, kienu ghal kollox fil-wicc tat-triq u ma kienux mqieghda skond l-arti u s-sengha.**

**Semgha x-xhieda ta' Saviour Debrincat, Walter Mompalao u Charles Mizzi Cefai. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Saviour Debrincat ikkonferma li kien hemm hsarat fil-cable fix-Xaghra. Ix-xhud ikkonferma li ma kienux saru "pilot holes", u li dan ix-xoghol wettqu il-konvenut.**

2. **Walter Mompalao, ghas-socjeta' attrici, kien mar fuq il-post fejn kienu qed isiru x-xogholijiet. Dan ukoll ma rax "pilot holes". Inoltre qal li l-konvenut kien mar dak in-nhar stess li saret il-hsara biex japplika ghall-permessi relattivi biex iwettaq ix-xogholijiet. Ix-xhud jikkonferma li l-cables kienu fil-wicc.**

3. **Charles Mizzi Cefai li jahdem fid-drawing room tas-socjeta' attrici, xehed li ma jirrizultax li kien hemm applikazzjoni ghall-permessi ghax-xogholijiet in kwistjoni. Jghid ukoll li zgur ma kienx mar jimmarka peress li ma kienx ghad hemm applikazzjoni.**

4. **Ghalhekk anke jekk il-cables ma kienux fil-fond kif suppost, il-konvenut naqas milli jaghmel l-applikazzjoni fil-hin sabiex is-socjeta' attrici timmarkalu fejn kien hemm cables. Ghalhekk huwa ghandu jbati d-danni konsegwenzjali.**

**Ghalhekk jirrizulta li l-hsara grat minhabba li s-socjeta' konvenuta ma kienetx hadet dawk il-prekawzjonijiet li suppost jittiehdu meta jsir xoghol simili. Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata t-tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u erbatax-il lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm114.44).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**(ft) Joseph Refalo**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**